MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 66/2007

Il-Pulizija
(Spt. R. Aquilina)
Vs
Stephen Azzopardi

Il-Qorti;
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Gunju, 2006, ghall-habta ta' 2.40 p.m. gewwa Rahal Gdid hebb ghal Christine Attard u kkagunalha ferita ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Tufigno mill-Paola Health Centre.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Jannar, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 221 u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal xahrejn (2) prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta’ Frar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuza kif dedotta w tilliberah minnha, w fin-nuqqas li taghmel tirriforma s-sentenza billi tapplika piena anqas onoruza w li ma tkunx wahda ta’ detenzjoni fil-konfront ta’ l-appellant.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’ ;- l. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta kellha konflitt car bejn il-verzjoni tal-appellant u dik ta’ Christine Attard u l-verzjoni indipendenti tas-Surgent 1257. 2. Li minghajr pregudizzju hemm ukoll konflitt dwar il-veracita’ tal-griehi ghalkemm is-Surgent baghat lill-Attard biex tikkonstata jekk kienx hemm griehi li hu ma rax, dawn ma gewx prezentati (Sic!) dak in-nhar stess fl-ghassa ghalkemm igibu d-data tal-21 ta’ Gunju, 2006, u ghalkemm fic-citazzjoni jidher li sar certifikat minn certu Dr.Tufigno fil-gurnata tat-22 ta’ Gunju, 2006, meta marret Attard bic-certifikat l-ghassa, fl-affidavit ta’ PS 1257 hu ndikat bhala mahrug minn Dr.Theuma MD, liema fatt u konflitt l-Ewwel Qoirti injoratu. Minghajr pregudizzju, l-piena kienet kwazi dik massima meta dan ma kienx kaz li jimmerita piena karcerarja.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;

Rat il-verbal li bih il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet illi d-data tas-sentenza traskritta a fol. 18 tal-process tidher li hi manifestament zbaljata ghaliex is-sentenza , kif jidher fl-istess verbal a fol. 9 , tidher li nghatat fit-12 ta’ Frar, 2007 u mhux fit-12 ta’ Jannar, 2007 , kif del resto jidher a fol. 1.

Rat il-verbal tad-29 ta’ Marzu, 2007, li bih il-partijiet qablu li l-Qorti ghandha toqghod fuq id-data li tidher fl-original tas-sentenza .

Semghet ix-xhieda mil-gdid fl-udjenza tad-29 ta' Marzu, 2007;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-provi mismugha minn din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej:-

**PS 1257 CONRAD ELLUL** xehed li fil-21 ta' Gunju, 2006, ghall-habta tas-2.45 pm. dahlet Margaret Attard l-ghassa ta' Rahal Gdid li infurmnathom li it-tifla taghha kienet qed tigi imsawwta faccata tal-ghassa. Hu mar fuq il-post u sab lil Christine Attard u l-appellant, li kien akkumpanjat minn ommu, jargumentaw ma din Christine Attard. Dahhalhom it-tnejn l-ghassa u meta staqsa x' gara, l-appellant qallu li hu kien mar ghat-tifel. Kien staqsieh fuq kartroilina ta' "*father's Day"* u t-tifel kien qallu li ommu hbiethielu. Christine Attard kienet qaltlu li t-tifel kien ghamel kartolina l-iskola. It-tifel ghogbitu w ma xtaqx li jatiha lil missieru. L-appellant kien sar jaf b' din il-kartolina ghax qallu t-tifel. Ghad-domanda tal-Qorti jekk dawn iggieldux quddiemu, s-Surgent wiegeb li meta hu hareg mill-ghassa kienu qed jargumentaw hi naha w l-appellant fuq ohra. Kienu boghod wisgha ta' karozza minn xulxin dak il-hin. Hu baghat lil Christine Attard il-Polyclinic ghax kellha xi griehi pero' hu ma setax jindika fejn kienu dawn il-griehi. Fil-fatt, l-ghada 22 ta' Gunju, 2006, gabitlu certifikat. Hu ma staqsiehomx jekk kienx hemm swat lil partijiet dak il-hin. Dwar l-argument kien kellimhom. Jaf li kellha xi griehi pero'.

**DR. MARCEL TUFIGNO MD** xehed li skond ic-certifikat esebit a fol. 10 tal-process, Christine Attard kellha qasma zghira fuq il-*forehead*, barxa fuq il-*left side of the neck*, barxa fuq l-ghajn tal-*left* u barxa fuq in-naha ta' wara tad-

dar. Dawn kienu feriti ta' natura hafifa. Ic-certifikat a fol. 8 li ma hargux hu jiddeskrivi l-istess feriti.

**MARGARET ATTARD** xehdet li fil-21 ta'Gunju, 2006, kien imiss li t-tifel imur ma missieru ghax kellu d-dritt tal-access u hi kienet nizlet ma bintha Christine Attard quddiem l-ghassa biex tatihulu. Ipparkjat xi tlitt karozzi 'l boghod minnu w bintha Christine marret hdejh bil-mod. Kif raha, l-appellant nizel mill-karozza u mar ghal fuqha rrabjat u x-xhud baqghet fil-karozza tara kollox. F' salt wiehed semghet lit-tifel jibki, jghajjat u jwerzaq u mar jigri fuq ommu w ggranfa maghha. Ix-xhud harget mill-karozza u f' dik il-konfuzjoni, fl-ghajjat u biki tat-tifel, indunat li l-kwistjoni kienet fuq xi bicca kartolina. Umbaghad l-appellant beda' jghid lil Christine *"Gib it-tifel 'l hawn*." bl-gherra u jghajjat u hi qaltlu : *"Jien mhinix inzommu lit-tifel."* u f' hin minnhom fethet idejha biex turih li ma kienetx qed izzommu. Dak il-hin l-appellant kahhalha mall-hajt. L-ewwel imbuttaha, mbaghad hi rat idejh tiela' min wicc Christine u, kif ratu ser jerfa' idejh, ix-xhud maret tigri l-ghassa u giet mall-Pulizija. Mbaghad is-Surgent qalilhom imorru l-ghassa w jaghmlu r-rapporti. Mbaghad Christine marret il-clinic w umbaghad marret l-isptar minhabba ghajnejha. Hi hadet ir-ritratti ta' bintha Christine li jinsabu esebiti.

**CHRISTINE ATTARD** xehdet li waqt li marret biex taghti t-tifel lill-appellant, it-tifel beda jghajjat u hi kellha terfghu. L-appellant beda jghidilha biex taghtih it-tifel. Hareg idejh. Qabdilha wiccha w gibdilha xagharha w imbuttaha mal-hajt. Ghamel subghajh f' ghajnejha w anki hasset idejh ma ghonqha. Kien ukoll qed jghajjat. Meta gie l-Pulizija kienu gja nfirdu. Dak il-hin stess hi marret ghamlet certifikat. Ir-ritratti esebiti kienet hadithom ommha, x-xhud precedenti.

**L-APPELLANT** xehed li hu kien ipparkja mbaghad giet Christine Attard. Hu kellu l-ommu mieghu. Hu mar ghat-tifel normali. Hu kien ilu ma jara lit-tifel mill-*Father's Day*. Kien qal lil Christine : "*Mela ma tajtilhux il-card ta' Father's Day lit-tifel?"* Hi qaltlu : *"Mhux gja ghidtlek li t-tifel ma jridx itihielek?"* Hu kien jaf bil-*card* ghax It-tifel kien xeba' jghidlu li jrid itih *Father's Day Card.* Hu qalilha li ahjar

taqta’ dawn il-piki bla sens u telaq ’l hemm bit-tifel. Dak kien il-kaz . Kien sejjer lejn il-karozza hdejn ommu ghax kienu naqra ‘l boghod.

F’daqqa wahda , Christine bdiet tghajjat u tigri qisha mignuna. Hatfitlu t-tifel ghax dak kien mieghu waqt li kienu sejrin ghal karozza w qaltlu li t-tifel ma tridx ittihulu aktar. Qaltlu : *“Int mhux missier tajjeb u m’ inthix ser tiehdu aktar lit-tifel. “* Hu kien qalilha li kien il-hin tal-access tieghu. It-tifel ghandu hames snin u dak il-hin kien miexi hdejh u hu kien daru lejha w giet u haditlu it-tifel. Hu qalilha “*Tini t-tifel ha mmur ‘l hemm.”* Ma messhiex. Mistoqsi allura kif graw il-feriti, l-appellant wiegeb : “*Jiena qas nista’ nigrifha ghax dejjem ingiddem dufrejja.”* Mhux veru li mbuttaha w lanqas ma qabdilha wiccha. Veru qabadha min idha. Wara gew il-Pulizija u sabuh jghid l-istess kliem sabiex taghtih it-tifel halli jmur ‘l hemm.

Ikkonsidrat;

Li hu minnu li hawn jezisti konflitt fil-provi ghax fil-waqt li Christine Attard, korroborata minn ommha Margaret Attard, xehdet li l-appellant hebb ghaliha w qabdilha wiccha w gibdilha xagharha, w dahhal subghajh f’ ghajnejha w ghamel idejh ma ghonqha, l-appellant jichad li messha hlief li qabdilha idejha. Pero’ a tempo vergine is-Surgent li intervjena ftit sekondi wara l-incident xehed li kien ra xi griehi fuq Christine Attard tant li baghatha l-Polyclinic biex iggib certifikat. Umbaghad mic-certifikati esebiti jidher li Christine Attard kellha diversi feriti kif fuq deskritti w l-fotografiji esebiti jkomplu jillustraw bl-aktar mod grafiku dawn il-feriti li kkonstataw addirittura zewg tobba. Ghalhekk il-versjoni tal-appellant li hu ma messx lil Christine Attard mhux attendibbli w l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li taccetta l-versjoni ta’ Christine Attard u ommha Margaret, kif korroborata mit-tobba w mis-surgent.

Illi din il-Qorti thoss li fuq il-bazi tal-provi mismugha - li prezumibilment kienu l-istess quddiem l-Ewwel Qorti - dik il-Qorti setghet legalment u logikament tasal ghall-konkluzzjoni ta’ htija dwar l-unika imputazzjoni. Illi mhux

kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata . Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux. (App.Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003]). F' dal-kaz, apparti li hemm zewg xiehda li jghidu li l-appellant hebb ghal Christine Attard , hemm il-prova indiretta w indizjarja tal-feriti fuq Attard kif certifikata mit-tobba w li l-appellant ma setax jaghti spjegazzjoni plawsibbli ghalihom. Dan l-element ta' *"circumstantial evidence"* serjament jimmina l-kredibilita' tal-appellant u jwassal biex il-mizien tal-kredibilita' jxaqleb b'mod li jwassal sal-grad tal-konvinciment morali kontra l-versjoni tal-appellant.

Ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha raguni serja bizzejjed biex tvarja l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u fejn emmnet il-versjoni ta' Attard u ommha w skartat ic-cahda kategorika tal-appellant.

Konsegwentement l-aggravji fil-mertu qed jigu respinti.
Illi ghar-rigward tal-ahhar aggravju dwar il-piena, mbaghad il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.) F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi, ghaliex il-piena massima erogabbli ghal dan id-delitt hija dik ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tlitt xhur jew il-multa, skond l-art. 221 (1) tal-Kodici Kriminali.

Illi mbaghad mill-fedina penali tal-appellant jidher li f' dawn l-ahhar seba snin hu instab hati mill-Qrati erba darbiet, darba ta' pussess tal-pjanta cannabis u tlitt darbiet li naqas li jaghti access tat-tifel minuri lill-ommu jew li ma rritornax l-istess minuri lill-ommu, indikazzjoni cara tal-pika

li hemm bejn l-appellant u Christine Attard, fuq binhom naturali.

Din il-Qorti pero’ rriflettiet fit-tul fuq jekk il-piena karcerarja effettiva erogata mill-Ewwel Qorti f’ dan il-kaz, fejn l-appellant u omm ibnu ser ikollhom jibghu jiltaqghu wicc imb wicc regolarment biex jaghtu t-tifel lil xulxin, hix ser tkun wahda li tkompli tezacerba r-relazzjonijiet ta’ bejnithom b’ dannu psikologiku ghall-istess tifel minuri. Fic-cirkotanzi qieset li jkun fl-interess tal-partijiet kollha, mhux inqas tal-istess minuri li minnflok piena karcerarja effettiva, din tkun sospiza ghall-itwal zmien possibbli skond il-ligi, bil-ghan li l-appellant ikollu ix-xabla ta’ Demokle mdendla fuq rasu biex trazznu milli jerga’ johloq xi incident fil-futur fl-inkontri ma Christine Attard li bil-fors irid ikollu meta t-tifel jghaddi minn id wahda ghal id l-iehor u *vice versa* fil-hinijiet meta jibda’ w jintemm l-access tal-appellant ghall-istess tifel minuri.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u fejn ikkundannatu ghal xaharejn prigunerija, pero’ tirriformaha billi, a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, tordna li l-imsemmija sentenza m’ ghandhiex tibda’ ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta’ erba’ snin mil-lum l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija .

Il-Qorti qed tispjega lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta’ tieghu taht l-art. 28B jekk hu jikkommetti matul il-periodu ta’ erba snin mil-lum reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------